SEGRETARJAT
EDUKAZZJONI NISRANIJA

# Regolamenti għat-Transfer ta' Studenti Bniet Tas-Sitt Sena fl-iskejjel ta' St Francis 2023-2024

1. **STUDENTI BNIET TAS-SITT SENA**

2. L-istudenti **bniet** tas-sitt sena ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida jmorru s-Sekondarja ta' St Francis tas-Sliema. Dan it-transfer isir b'applikazzjoni fejn jingħataw id-dettalji tal-istudenta.

3. L-applikazzjonijiet isiru **onlajn,** mit-Tlieta, 25 sat-Tnejn, 31 t' Ottubru, 2022. Biex tapplika jew agħfas hawn jew mur knisja.mt/applications. Wara li ssir l-applikazzjoni il-ġenituri jirċievu immedjatament imejl awtomatiku bin-numru tal-applikazzjoni u d-dettalji sottomessi, u imejl oħra b'konferma tal-applikazzjoni sal-21 ta' Novembru 2022. F'każ li dan ma jseħħx, wara li tiċċekja l-kaxxa tal-junk u l-ispam, mitlub tikkomunika mal-Bord fuq id-dettalji t'hawn taħt (ara paragrafu 12).

4. Għal kull applikazzjoni jsir ħlas ta' €5 sabiex jiġu koperti l' ispejjeż amministrattivi. Ikun hemm bżonn ta' VISA card sabiex isir il-pagament onlajn.

5 Min għandu bżonn l-għajnuna sabiex issir l-applikazzjoni onlajn jista' jċempel fuq 2203 9360 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8:00 a.m u t-3:00 p.m jew l-iskola li fiha tattendi l-istudenta, B'Kara 21442205; Bormla 21665410; iMsida 21335513.

6 Kull applikazzjoni tiġi vverifikata mal-iskola fejn tattendi l-istudenta.

7. Min jixtieq jattendi skola oħra tal-knisja, għandu japplika skont ir-Regolamenti tad-dħul fl-iSkejjel tal-Knisja f'Malta 2023-2024 li jiġu ppublikati lejn it-tielet ġimgħa ta' Novembru 2022.

8. **STUDENTI SUBIEN TAS-SITT SENA**

9. L-istudenti **subien** tas-sitt sena ta' St Francis Birkirkara, Bormla u Msida jmorru fi skola sekondarja oħra tal-Knisja, sakemm ikun hemm post vakanti.

10. Dawn l-istudenti għandhom japplikaw taħt il-Kriterju Skola Bla Kontinwità skont ir-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta 2023-2024 li jiġu ppublikati lejn it-tielet ġimgħa ta' Novembru 2022.

11. Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.

12. F'każ ta' bżonn tistgħu ċċemplu fuq 2203 9360 jew tibgħatu imejl fuq admissions@maltadiocese.org

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Binja Josmar, 30, Triq Idmejda,
Ħal-Balzan BZN 1521

**Tel.** +356 2203 9360 / 7999 0224
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**